**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 02 ta' Dicembru, 2024**

**Rikors Guramentat Nru: 271/2021 AF**

**Godwin Cutajar**

**Jeanette Cutajar**

**vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**u**

**Harbour Management Limited (C-29326) ghal kull interess li jista' jkollhom**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Godwin Cutajar u Jeanette Cutajar, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrenti ilhom ghal diversi snini jiggestixxu stabbiliment bl-isem Beachhaven kif ukoll joffru servizzi kummercjali fl-istess zona, relatati ma' sport nawtikali inkluz servizzi ta' irmigg ta' diversi dghajjes fil-bahar ezattament quddiem l-istabbiliment taghhom.

Dwar l-istabbiliment, ir-rikorrenti qeghdin fost kuntratti ohra, inter alia, jesebixxu kuntratt ta' cens temporanju datat 12 ta' Ottubru tas-sena 2005 fejn it-titolu originali taghhom rega gie mgedded ghal hamsin sena ohra, u ghalhekk attwalment, id-drittijiet taghhom bhala utilisti semmai jiskadu biss fis-sena 2055. Dan qieghed jigi esebit bhala Dok. A.

L-Awtorità intimata kienet harget sejha pubblika ghal proposti ghall-immanigjar u t-thaddim ta' zoni organizzati ta' berthing u irmigg ghal yachts fix-Xemxija u s-Salina u dan fit-18 ta' Novembru 2009. Ir-rikorrenti kienu fost l-offerenti f'dik is-sejha, s-socjetà intimata giet mgharrfa li l-offerta taghha kienet giet accettata u dan fis-16 ta' Marzu 2010.

Sussegwentement peress illi kien hemm xi rikjesti ta' kjarifiki u nuqqas ta' qbil wara l-ghoti tas-sejha mill-Awtorità intimata u s-socjetà intimata, jidher illi l-ftehim ahhari qatt ma gie ffirmat.

Jirrizulta li ma ntlahaqx ftehim u li ghalhekk l-Awtorità intimata ikkancellat is-sejha pubblika u itterminat il-progett minghajr assenjazzjoni.

Din id-decizjoni giet ikkomunikata tramite posta elettronika li qeghda tigi hawn annessa bhala Dok. B.

Sussegwentement is-socjetà intimata nehdiet kontra l-Awtorità intimata fl-ismijiet Harbour Management Limited (C-29326) vs l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta (Rik. Gur. Nru. 1129/2011), liema proceduri gew ceduti mis-socjetà intimata.

Fil-fatt jirrizulta li permezz ta' skrittura ta' transazzjoni datata 12 ta' Novembru 2020 u allura wara li l-Awtorità intimata u s-socjetà intimata obbligaw reciprokament li jiffirmaw il-koncessjoni relattiva sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2021. Din qeghda tigi esebita bhala Dok. C.

Ir-rikorrenti iqisu li l-mod ta' kif sehhew l-affarijiet u cioè d-decizjoni tal-Awtorità intimata li timplimenta l-ftehim ta' koncessjoni mas-socjetà intimata nonostante li s-sejha ghall-proposti in kwistjoni kienet giet kancellata hija illegali u totalment bi ksur tal-ligi.

Apparti minn hekk tali koncessjoni ma setghet lanqas tinghata lis-socjetà intimata kif inghatat peress illi tinkludi fairway sa max-xatt ta' fejn jinsab l-istabbiliment Beachhaven, mentri fuq din il-parti tax-xatt ir-rikorrenti ghandhom titolu validu ta' enfitewsi kif jirrizulta mill-kuntratt surreferit.

Probabilment wara l-weghda bejn l-intimati hawn fuq deskritta, l-kuntratt rigwardanti l-koncessjoni gie ffinalizzat u dan anke ghaliex ricentement u cioè nhar l-24 ta' Frar 2021 l-Awtorità intimata baghtet lir-rikorrenti avviz dwar xogholijiet li kellhom jinbdew fl-20 ta' Marzu 2021. Dwar dan fil-fatti, l-atturi pprocedew b'mandat ta' inibizzjoni appozitu, li ghadu pendenti izda gie milqugh provizorjament.

Ghalhekk ir-rikorrenti jqisu li l-mod kif giet finalizzata l-ghotja tal-koncessjoni mill-awtorità intimata versu s-socjetà intimata hija wahda irregolari u bi ksur tal-ligi.

Ir-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-ghemil amministrattiv li wassal ghal ftehim ta' transazzjoni- u/jew l-iffirmar tal-kuntratt ta' koncessjoni finali bejn l-intimati rigwardanti s-sejha pubblika ghal proposti ghall-immaniggjar u t-thaddim ta' zoni organizzati ta' berthing u irmigg ghal yachts fix-Xemxija u s-Salina tat-18 ta' Novembru 2009, sar bi ksur tal-Artikoli

469A(1)(b)(ii) u/jew (iii) u/jew (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna t-thassir tal-iskrittura datata 12 ta' Novembru 2020 u kull att sussegwenti u/jew ancillari ghall-istess rigwardanti l-koncessjoni tas-sejha pubblika hawn fuq indikata u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 406/2021 u l-intimati ngunti minn issa in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Pierre Balzan in rapprezentanza tas-soċjetà intimata Harbour Management Limited (C-29326), li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

It-talbiet attrici fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjetà esponenti mhijiex il-legittimu kontradittur ghal dawn il-proceduri stante illi l-esponenti mhijiex Awtorità governattiva u/jew pubblika u semmai qatt ma mxiet abbuzivament jew illegali ai termini tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii) u/jew (iii) u/jew (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Ir-rikorrenti minkejja jsostnu u jallegaw illi l-ftehim ta' koncessjoni bejn l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta u s-socjetà esponenti kien illegali, r-rikorrenti ma taw ebda hjiel tar-ragunijiet li ghalihom qeghdin iqisu li l-koncessjoni giet moghtija lis-socjetà esponenti illegalment u b'hekk huwa essenzjali illi r-rikorrenti jgibu prova rigoruza tal-allegazzjoni serja taghhom.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors guramentat tar-rikorrenti huwa irritu stante illi l-atturi kellhom rimedji ohrajn disponibbli, tant li l-prezentement il-ftehim ta' koncessjoni gie già kkontestat mir-rikorrenti quddiem il-Bord ta' Revizjoni dwar Kuntratti Pubblici (Kaz Numru 1567/21) fl-ismijiet premessi u d-decizjoni li ttiehdet mill-istess Bord giet appellata mis-socjetà esponenti u ghadha pendenti, fejn is-socjetà attrici talbet sabiex

l-Onorabbli Qorti tal-Appell tiddikjara validu l-ftehim ta' koncessjoni bejn l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta u s-socjetà esponenti u ghalhekk dawn il-proceduri ai termini ta' Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta saru inutilment u b'hekk is-socjetà esponenti ma ghandha tbati ebda spejjez.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-kaz odjern il-kuntratt ta' koncessjoni gie konkluz bejn l-Awtorità u s-socjetà esponenti wara proceduri gudizzjarji prottrati abbazi ta' u insegwitu ghar-Request for Proposal for the Management and Operation of Organised Mooring Areas mahrug mill-Awtorità intimata fit-18 ta' Novembru 2009 u li Harbour Management Limited kienet inizjalment rebhet u illi ghalhekk dan il-ftehim zgur ma jistax jinghad illi gie milhuq minn wara daharhom jew wara dahar terzi kif qieghed jipprova jallega r-rikorrenti izda kien ftehim milhuq in segwitu ta' transazzjoni ta' kawza kif ser jigi aktar spjegat fid-dettal waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri.

Is-socjetà esponenti ghar-ragunijiet fuq esposti m'ghandhiex tinkombi spejjez ta' dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant u in segwitu tal-fuq espost, iz-zewg talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti minn issa ngunti in subizzjoni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jitressu mis-socjetà intimata skond il-ligi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta li permezz tagħha ġie eċċepit:

Preliminarjament, in-nullita` tal-azzjoni attriċi a tenur tal-Artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-istess azzjoni ma ġietx preċeduta mill-preżentata ta' ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju kif meħtieġ *ad validitatem.*

Preliminarjament ukoll in-nullita` tal-azzjoni attriċi stante illi azzjoni ġuddizjarja intavolata abbażi tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta tista' tiġi indirizzata biss kontra l-Gvern jew xi entita` li kapaċi twettaq "għemil amministrattiv" kif definit

fl-imsemmi Artikolu 469A tal-Kap. 12, xi ħaġa illi kjarament mhix kapaċi li tagħmel is-soċjeta` konvenuta Harbour Management Limited, u għalhekk in kwantu l-azzjoni odjerna ġiet intavolata kemm kontra l-Awtorita` rispondenti u kif ukoll kontra l-imsemmija Harbour Management Limited, l-azzjoni odjerna li espliċitament hija msejsa fuq l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 hija null u bla effett.

Preliminarjament ukoll in-nullita` tal-azzjoni in kwantu msejsa fuq l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u dan in vista tal-fatt illi l-Awtorita` rispondenti ma wettqet ebda 'għemil amministrattiv' kif definit fl-imsemmi provvediment tal-liġi u ċioe` ma ħarġet ebda ordni, liċenzja, permess, warrant, deċiżjoni jew rifjut għal talba ta' xi persuna iżda sempliċiment ittransiġiet kawża illi kienet ilha pendenti bejnha u bejn is-soċjeta` konvenuta l-oħra Harbour Management Limited għal bosta snin u tali aġir ma jikkostitwix 'għemil amministrattiv' fil-parametri tad-definizzjoni espressament stabbilita fl-imsemmi provvediment tal-Liġi.

Illi wkoll ir-rikorrenti m'għandhom ebda interess ġuridiku sabiex jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistħarreġ l-għemil tal-Awtorita` rispondenti li permezz tiegħu hija ttransiġiet kawża illi kienet ilha pendenti bejnha u bejn is-soċjeta` konvenuta l-oħra Harbour Management Limited għal bosta snin u dan anke in vista tal-fatt illi ma ngħatat ebda ordni jew deċiżjoni fil-konfront tar-rikorrenti u l-fatt li b'mod inċidentali u indirettament it-transazzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji li kien hemm pendenti bejn l-Awtorita` rispondenti u s-soċjeta` konvenuta l-oħra Harbour Management Limited se jkollha effett fuq l-operat abbużiv tar-rikorrenti bl-ebda mod ma jarreka lir-rikorrenti l-interess ġuridiku meħtieġ skond il-liġi sabiex jippromwovi din l-azzjoni kontra l-Awtorita` rispondenti.

Illi, fil-mertu, sussidjarjament u assolutament mingħajr ebda preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet attriċi huma kompletament infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

F'dan ir-rigward jiġi spjegat illi l-fatti saljenti rilevanti għal dan il-każ huma s-segwenti:

1. Fis-sena 2009 l-Awtorita` rispondenti kienet ħarġet sejħa għall-proposti għall-immaniġġjar u t-tħaddim ta' żoni organiżżati ta' *berthing* u rmiġġ fix-Xemxija u s-Salina u fis-16 ta' Marzu 2010, kienet ġiet magħżula l-offerta sottomessa mis-soċjeta` intimata Harbour Management Limited;

2. Ir-rikorrenti kienu ppartecipaw fis-sejħa għall-offerta maħruġa mill-awtorita` rispondenti fis-sena 2009 iżda l-offerta tagħhom kienet ġiet miċħuda. Ir-rikorrenti kienu appellaw mid-deċiżjoni tal-Awtorita` illi permezz tagħha ġiet magħżula l-offerta tas-soċjeta` Harbour Management Limited u mhux l-offerta tagħhom iżda tali appell kien ġie miċħud;

3. Sussegwentement l-Awtorita` kienet talbet lis-soċjeta` intimata Harbour Management Limited biex traħħas it-tariffi minnha sottomessi u l-Awtorita` ddeċidiet li tikkanċella s-sejħa wara li din irrifjutat li tagħmel dan;

4. Tali deċiżjoni ġiet kontestata ġudizzjarjament mis-soċjeta` intimata Harbour Management Limited permezz ta' kawża fl-ismijiet 'Harbour Management Limited – vs – L-Awtorita` għat-Trasport f'Malta' (Rik. Ġur. Nru: 1129/2011), liema kawża eventwalment ġiet tranżatta permezz ta' Skrittura ta' Transazzjoni datata 12 ta' Novembru 2020, li permezz tagħha ġie miftiehem illi kellu jiġi ffirmat il-ftehim ta' konċessjoni finali (li effettivament imbagħad ġie debitament iffirmat).

Ir-rikorrenti qegħdin bil-kawża odjerna (u mingħajr ma ppreċedewha bil-preżentata ta' ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju) jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara illi l-iffirmar ta' tali skrittura ta' transazzjoni u/jew l-eventwali ffirmar tal-ftehim ta' konċessjoni (li, jerġa' jiġi ribadit, ma jikkostitwix 'għemil amministrattiv' skond id-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 469A) huwa *ultra vires* għaliex, skond huma (u bla ma jagħtu assolutament ebda raġuni abbażi ta' xhiex qed isejsu l-argument tagħhom) tali 'għemil amministrattiv' (sic) sar bi ksur tal-paragrafu (ii) tas-subartikolu 469A(1)(b) u ċioe` b'nuqqas ta' ħarsien tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew ta' prinċipji proċedurali mandatorji u/jew bi ksur tal-paragrafu (iii) tas-subartikolu 469A(1)(b) u ċioe` abbużivament billi sar għal

għanijiet mhux xierqa jew msejjes fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti u/jew bi ksur tal-paragrafu (iv) tas-subartikolu 469A(1)(b) u ċioe` għaliex imur xort'oħra kontra l-liġi.

L-Awtorita` rispondenti ttenni li, kuntrarjament għal dak li qed jiġi allegat mir-rikorrenti fir-Rikors Ġuramentat promotur, hija aġixxiet *intra vires* u mhux *ultra vires* u l-aġir tagħha (li jerġa' jiġi ribadit, ma jikkostitwix 'għemil amministrattiv' skond kif dan huwa definit fil-liġi) ma jilledi ebda waħda mit-tliet provvedimenti tal-liġi ċitati mir-rikorrenti mingħajr ebda spjegazzjoni ta' xejn u dan kollu juri illi l-eżerċizzju intrapriż mir-rikorrenti mhu xejn għajr *a fishing expedition* bla ebda bażi u bla ebda sustanza ta' xejn.

6. Illi fir-Rikors Ġuramentat promotur ir-rikorrenti jsostnu illi d-deċiżjoni tal-Awtorita` rispondenti li timplimenta l-ftehim ta' konċessjoni mas-soċjeta` intimata Harbour Management Limited 'nonostante illi s-sejħa għall-offerti kienet ġiet ikkanċellata hija illegali u totalment bi ksur tal-liġi'. Tali argument huwa kompletament bla bażi meta wieħed jikkunsidra illi effettivament il-proċeduri ġudizzjarji illi ġew transatti bejn l-Awtorita` rispondenti u s-soċjeta` intimata Harbour Management Limited kienu jikkonsistu prorpju f'kawża magħmula mill-imsemmija soċjeta` intimata sabiex tattakka l-validita` tad-deċiżjoni tal-Awtorita` biex tikkanċella – sejħa għall-offerti u ma sar assolutament xejn 'illegali u totalment bi ksur tal-liġi' kif qed jallegaw ir-rikorrenti bil-fatt illi tali kawża ġiet transatti u l-konċessjoni li kienet rebħet is-soċjeta` intimata Harbour Management Limited (wara sejħa li fiha kienu pparteċipaw ir-rikorrenti iżda l-offerta tagħhom kienet ġiet rifjutata u l-appell minnhom intavolat kien ġie miċħud) ġiet effettivament lilha mogħtija.

7. Illi dak imtenni mir-rikorrenti fil-paragrafu (10) tar-Rikors Ġuramentat promotur huwa wkoll skorrett u kompletament bla bażi u dan kif ser jiġi ampjament ippruvat, jekk ikun hekk meħtieġ (dan qed jingħad stante illi l-Awtorita` rispondenti temmen bis-sħiħ illi l-azzjoni attriċi għandha tiġi annulata b'akkoljiment tal-eċċezzjonijiet preliminari hawn fuq sollevati) waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.

8. Illi t-talbiet attriċi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.

Rat illi fl-udjenza tal-1 ta' Diċembru 2021 il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-mandat t'inibizzjoni bin-numru 406/2021/1 RGM fl-ismijiet Godwin Cutajar et vs Awtorità għat-Trasport f'Malta et.

Semgħet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 permezz ta' liema r-rikorrenti qegħdin jattakkaw il-validità tal-ftehim tat-12 ta' Novembru 2020 milħuq bejn l-intimati.

Diversi huma l-eċċezzjonijiet li tressqu mill-intimati rispettivament.

Is-soċjetà intimata eċċepiet l-ewwel nett illi mhijiex leġittima kontradittriċi għat-talbiet tar-rikorrenti għaliex peress illi din hija azzjoni skont l-Artikolu 469A mhijiex hi qua soċjetà privata illi tista' qatt twieġeb għan-nuqqasijiet lamentati mir-rikorrenti. Ressqet ukoll diversi eċċezzjonijiet fil-mertu.

Kwantu għall-Awtorità intimata, din eċċepiet illi l-azzjoni hija nulla għaliex ma ġietx osservata l-proċedura ravviżata taħt l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 billi din il-kawża ma ġietx preċeduta b'ittra uffiċjali skont il-vot tal-liġi. Għandu jingħad però illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-Awtorità intimata rtirat din l-eċċezzjoni u għalhekk il-Qorti mhijiex sejra tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

L-Awtorità intimata eċċepiet ukoll illi l-azzjoni odjerna hija nulla billi skont l-Artikolu 469A kawżi dwar stħarriġ t'għemil amministrattiv jistgħu jitressqu biss fil-konfront ta' entitajiet governattivi u mhux ukoll fil-konfront ta' soċjetajiet privati. Kompliet teċċepixxi illi l-aġir tal-Awtorità intimata ma jinkwadrax bħala għemil amministrattiv fis-sens illi trid il-liġi għaliex il-kuntratt li r-rikorrenti qegħdin jattakkaw huwa sempliċement att ta' transazzjoni ta' kawża. In oltre eċċepiet illi r-rikorrenti m'għandhomx l-interess ġuridiku li trid il-liġi għaliex ir-rikorrenti ma kienitx parti mill-ftehim ta' transazzjoni mertu ta' din il-kawża kif lanqas ma kienu milqutin bl-effetti tiegħu.

L-Awtorità intimata ressqet ukoll eċċezzjonijiet fil-mertu permezz ta' liema essenzjalment eċċepiet illi fl-ebda waqt m'aġixxiet *ultra vires* il-poteri tagħha.

Mill-inkartament proċesswali jirriżulta illi b'kuntratt tat-12 t'Ottubru 2005 il-Kummissarju tal-Artijiet in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta, ikkonċeda favur ir-rikorrenti, b'titolu ta' ċens temporanju għal perjodu ta' 50 sena dekorribbli mid-9 t'Awwissu 2005, il-binja magħrufa bħala "Beach Haven", Xemxija Hill, San Pawl il-Baħar liema proprjetà tinsab aħjar indikata fuq il-pjanta annessa mal-istess kuntratt.

Fit-18 ta' Novembru 2009 l-Awtorità intimata ħarġet sejħa pubblika għal proposti dwar l-immaniġġjar u t-tħaddim ta' żoni organizzati ta' berthing u irmiġġ għal *yachts* fix-Xemxija s-Salina. Sia r-rikorrenti kif ukoll is-soċjetà intimata applikaw taħt din is-sejħa pubblika u ressqu l-offerti tagħhom. L-Awtorità finalment għażlet l-offerta tas-soċjetà intimata u rrifjutat dik tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti ma kienux kuntenti b'din id-deċiżjoni u għalhekk appellaw quddiem il-Public Contracts Review Board li eventwalment ċaħad l-appell tagħhom.

Permezz ta' ittra tal-31 ta' Mejju 2010 l-Awtorità intimata informat lir-rikorrenti li "*Evidently the tendering/award process will not be completed in time for the imminent summer season and consequently the Authority is hereby granting you the temporary permission to operate a mooring system*." Ir-raġuni għal dan tnisslet mill-fatt illi għalkemm l-Awtorità akkordat il-

konċessjoni lis-soċjetà intimata, l-Awtorità talbitha tbaxxi t-tariffi tagħha minn dak sottomess. Is-soċjetà intimata rrifjutat li tagħmel dan u dan ikkawża diżgwid bejnha u bejn l-Awtorità.

Permezz ta' e-mail datata 19 ta' Mejju 2011 l-Awtorità infurmat lis-soċjetà intimata li "*I am directed to inform you that the proposed rates, with respect to moorings, are not acceptable and the Authority is therefore no longer in a position to continue with the RFP process. Accordingly, you are hereby being informed that the RFP process is being cancelled and terminated without award*."

Mill-atti tal-mandat t'inibizzjoni bin-numru 406/2021/1 RGM fl-ismijiet premessi jirriżulta illi in segwitu għad-deċiżjoni tal-Awtorità li tikkanċella u tittermina s-seħja pubblika, is-soċjetà intimata pproċediet legalment fil-konfront tal-Awtorità intimata u permezz ta' rikors ġuramentat tas-16 ta' Novembru tat bidu għall-kawża bin-numru Rik. Ġur 1129/11 JRM fl-ismijiet **Harbour Management Limited vs Awtorità għat-Trasport f'Malta**. Permezz ta' din il-kawża, Harbour Management Ltd talbet lill-Qorti tħassar id-deċiżjoni tal-Awtorità għall-kanċellament tas-sejħa. Fil-mori ta' dawn il-proċeduri l-intimati bdew process ta' transazzjoni bejniethom. In vista tal-pendenza bejn l-intimati, il-konċessjoni oriġinarjament mogħtija lir-rikorrenti baqgħet tiġi mġedda minn sena għal oħra.

In-negozjati bejn l-intimati wassluhom sabiex fit-12 ta' Novembru 2020 ffirmaw *Compromise Agreement* ai termini ta' liema l-Awtorità intimata obbligat ruħha li tagħti l-konċessjoni għall-immaniġjar u t-tħaddim ta' żoni organizzati ta' *berthing* u irmiġġ għal *yachts* lis-soċjetà intimata waqt illi din tal-aħħar obbligat ruħha illi ċċedi l-kawża bin-numru Rik. Ġur 1129/11 JRM. Fil-fatt, fil-*Compromise Agreement* ġie espressament imniżżel illi l-intimati kellhom jersqu għal Concession Agreement wara li l-kawża tiġi ċeduta.

Fil-klawsola numru 1 (ii) tal-*Compromise Agreement* ġie wkoll speċifikat illi fil-Concession Agreement kellha tiddaħħal klawsola li tgħid illi "*for all intents and purposes at law, the RFP is being*

*revived following amicable settlement between the Parties in reaching an out of court settlement."*

Il-Compromise Agreement ikompli jistipola ai termini tal-klawsola numru 5 illi:

> "*The Parties shall liaise with and assist each other with respect to any third-party claims received, requests made, or pretensions vaunted, including legal proceedings, that may arise at any time in connection with the implementation of the concession agreement for the management and operation of mooring facilities in Xemxija Bay.*
>
> *Additionally, the Authority shall keep harmless the Operator with respect to any such third-party claims received, requests made or pretentions vaunted, including legal proceedings*."

Ai termini tal-klawsola numru 1 tal-*Compromise Agreement* il-*Concession Agreement* kellu jiġi ffirmat sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2021. Fil-fatt dan ġie ffirmat fit-22 ta' Frar 2021.

Fl-24 ta' Frar 2021 l-Awtorità intimata, permezz tad-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, ħarġet "*Legal Notice to Mariners no 016 tas-sena 2021*" permezz ta' liema avżat lill-baħħara illi kienu ser isiru xogħolijiet fil-bajja tax-Xemxija *"to establish an Organised Mooring Area and associated fairway for the mooring of small craft." Permezz tal-imsemmi* Avviż l-Awtorita' intimata ordnat lill-baħħara *sabiex "Owners and vessels that are moored or have a mooring within the area bounded by the imaginary lines A, B, C, D and the coastline (as shown on the attached chart) are to remove such vessels, moorings and associated tackle by not later than Saturday 20th March 2021...........Any vessels and moorings that are left in this area after the stipulated date will be removed at the expense of their owner*."

B'rikors tal-31 ta' Marzu 2021 ir-rikorrenti taw bidu għall-proċeduri quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi sabiex "*The Complainant is asking the Board to declare the*

*Compromise agreement and any other Concession Agreement signed on the basis of the Request for Proposals to be Inefective since after the cancellation of the RfP, the Contracting Authority was bound to issue a fresh competitive tender before awarding the Concession*."

Ir-rikorrenti laqgħu għax-xogħolijiet prospettati u ndikati fl-imsemmi avviż billi b'rikors tas-16 ta' Marzu 2021 talbu l-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, dak bin-numru 406/21 fl-ismijiet Godwin Cutajar et vs Awtorità għat-Trasport f'Malta et fejn talbu lill-Qorti żżomm lill-intimati milli jibdew l-imsemmija xogħolijiet. B'digriet tas-16 ta' Marzu 2021 din il-Qorti diversament preseduta laqgħet it-talba provviżorjament u ordnat il-ħruġ tal-mandat mitlub.

Ir-rikorrenti laqgħu ukoll għall-iffirmar tal-ftehim bejn l-intimati billi b'rikors tas-26 ta' Marzu 2021 taw bidu għall-proċeduri tal-lum.

Sadanittant, b'deċiżjoni tas-16 t'April 2021 fl-atti tal-mandat imsemmi, il-Qorti, waqt illi qieset li ma rriżultax fuq bażi ta' *prima facie* li x-xogħolijiet prospettati kienu ser isiru fil-parti tal-proprjetà konċessa lir-rikorrenti b'titolu t'enfitewsi u li lanqas ma kellhom interess ġuridiku sabiex iwaqqfu l-proġett għaliex l-Awtorità intimata kienet ikkonċedietilhom il-permess li joperaw sistema ta' rmiġġ għall-istaġun tas-sajf, qieset ukoll illi r-rikorrenti kellhom jeddijiet x'jikkawtelaw in kwantu si tratta dwar dak li seħħ b'rabta mal-konċessjoni pubblika. Il-Qorti osservat illi:

> "*Pretensjoni oħra tar-rikorrenti hi fis-sens illi una volta fis-sena 2011 l-Awtorita' intimata ikkanċellat il-proċess kollu għas-sejħa pubblika RFP mingħajr ma assenjat konċessjoni fix-Xemxija, allura l-Awtorita' intimata ma setgħatx fis-sena 2021 tuża dawk il-proċeduri sabiex tassenja l-konċessjoni li kien is-suġġett tas-sejħa fis-sena 2010 lis-soċjeta' intimata. Ir-rikorrenti jikkontendu illi una volta huma kienu ipparteċipaw f'dak il-proċess allura għandhom dritt jitolbu it-tħassir tad-deċiżżjoni meħuda reċentement mill-Awtorita' intimata sabiex tagħti l-kuntratt ta'*

*konċessjoni lis-soċjeta' intimata. Jippretendu r-rikorrenti illi una volta dik is-sejħa għall-offerti ġiet ikkanċellata abbinat maċ-ċessjoni tal-kawża intavolata mis-soċjeta' intimata sabiex tħassar dak il-kanċellament; iqisu illi kellu jinbeda mill-ġdid proċess ġdid għal sejħa għall-offerti fejn naturalment ir-rikorrenti jkunu jistgħu jipparteċipaw. Kif rajna r-rikorrenti ġia ipproċedew dwar tali pretensjoni billi intavolaw proċeduri sew quddiem il-Qorti kif ukoll quddiem il-Public Procurement Review Board. Iż-żewġ proċeduri huma pendenti.*

*L-intimati min-naħa tagħhom jikkontendu illi una volta l-offerta tar-rikorrenti fil-proċess ta' Request for Proposals ma kenitx ġiet aċċettata, allura ma għandhom l-ebda dritt prima facie x'jipproteġu bil-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. Tgħid hekk l-Awtorita' intimata fir-risposta tagħha fir-rigward: "Illi għalhekk ir-rikorrenti m'ghandom ebda jedd prima facie mehtieg ghar-riuxxita ta' rikors għall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni msejjes fuq il-fatt (li ghalih ir-rikorrenti jaccennaw fir-rikors promotur) illi huma kienu partecipi fl-imsemmija sejha ghall-offerti, stante illi l-lanjanzi tar-rikorrenti diga gew mistħarrga gudizzjarment u l-appell taghhom kien gie michud u kwindi tali kwistjoni hija maghluqa u ghaddiet in gudikat."*

*…*

*Wara li l-Qorti qieset l-atti kollha ppreżentati u s-sottomissjonijet magħmula mill-abbli difensuri tal-partijiet tqis illi ir-rikorrenti seħħielhom jissodisfaw ir-rekwiżit ta' "prima facie jidher" li r-rikorrenti għandhom il-jeddijiet minnhom vantati. F'dan ir-rigward qed tikkonkludi illi r-rikorrenti, qua partecipanti fis-sejħa għall-proposti/offerti lura fis-sena 2010, liema proċess kif rajna kien ġie kkanċellat mill-Awtorita' intimata fis-sena 2011, prima facie jidher li għandhom jeddijiet kif meqjusa*

*fl-Artikolu 873 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili una volta l-Awtorita' ħadet deċiżżjoni fis-sena 2020 li tħassar il-kanċellament magħmul għaxar snin qabel u tirravviva l-offerta tas-soċjeta' intimata. Il-jedd pretiż mir-rikorrenti illi maċ-ċessjoni tal-kawża fuq imsemmija l-Awtorita' intimata ma setgħatx tirravviva l-offerta tas-soċjeta' intimata tas-sena 2010 ma hiex pretensjoni li tista titqies li ma tikwalifikax bħala jedd prima facie li jidher li għandhom ir-rikorrenti, u ċioe' li jista' jkun li għandhom ir-rikorrenti."*

Bid-deċiżjoni tagħha tas-16 t'April 2021 il-Qorti ordnat il-ħruġ tal-Mandat t'Inibizzjoni hekk kif mitlub mir-rikorrenti.

Intant, fil-mori tal-proċeduri odjerni, il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi kompla bil-proċess ta' reviżjoni tal-konċessjoni u ta' dak illi segwa u b'deċiżjoni tat-8 ta' Lulju 2021 ikkonkluda li:

*"This Board did not find any instance in the documents made available in these proceedings where the original decision of the Contracting Authority to cancel the tender was ever revoked. The cancellation remained in force, although in suspense because of the pending Court Case, up to the 16th November 2020. The Compromise Agreement of the 12th November 2020 does not mention the revocation of the cancellation of the RfP either.*

*Thus it is this Board's opinion that when the preferred concessionaire, Harbour Management Ltd withdrew (ceded) its court case on the 16th November 2020, in effect the dormant cancellation of the RfP as ordered on the 19th May 2011 became operative and any further action regarding the said RfP was not according to law.*

*For the above reasons this Board declares that both the Compromise Agreement entered into by the Contracting Authority and the concessionaire on the 12th November 2020 and the Concession Agreement signed between the Contracting Authority and Harbour Management Ltd on the 22nd February 2021 are ineffective in terms of the Concession Contracts Regulations 113.(2)."*

Din id-deċiżjoni ġiet appellata, separatament, sia mill-Awtorità intimata kif ukoll mis-soċjetà intimata. B'sentenza tas-27 t'Ottubru 2021 fl-atti tal-appell mill-Awtorità intimata, il-Qorti tal-Appell għamlet diversi kunsiderazzjonijiet u konklużjonijiet li għandhom rilevanza qawwija għal din il-kawża. Ingħad hekk:

*Ikkonsidrat:*

*9. Fir-rigward tal-mertu tat-tieni aggravju, ċioe` li l-applikazzjoni tal-applikanti Cutajar hija inammissibbli a tenur tar-Regolament 4 tal-L.S 601.09, li jipprovdi:*

*"4. Kull proċedura ta' konċessjoni li tkun inħarġet sal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti għandha tibqa' regolata bil-liġijiet li kienu fis-seħħ, inkluż kull reviżjoni fuq xi deċiżjoni dwar dan."*

*Jiġi nnutat li wara li l-Bord għamel rassenja tal-fatti, qies li ġaladarba d-deċiżjoni tal-Awtorita` li tikkanċella l-RFP fl-2011, qatt ma ġiet revokata, il-kanċellazzjoni tal-RFP baqgħet fis-seħħ, kwindi għalkemm dik il-kanċellazzjoni baqgħet sospiża tul is-smiegħ tal-kawża ntavolata quddiem il-Qorti minn Harbour Management Limited, hekk kif ġiet ċeduta l-kawża, l-ordni tat-tħassir jew kanċellazzjoni tal-RFP li saret fl-2011, reġgħet ġiet fis-seħħ. Isegwi li ma kienx possibbli li jsir ftehim ibbażat fuq l-RFP oriġinali tas-sena 2009. Il-konsegwenza loġika għal dan ir-raġunament huwa li, ir-Regolament 4 m'huwiex applikabbli fil-każ in eżami, peress li kwalunkwe*

*ftehim li sar bejn l-Awtorita` u Harbour Management Limited fi Frar tas-sena 2021, ma kienx konsegwenza tal-RFP maħruġ fl-2009, iżda konċessjoni ġdida li għaliha japplikaw ir-regolamenti tal-L.S. 601.09. Għalhekk għalkemm il-Bord ma ċaħadx espressament l-eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita`, effettivament iddeċieda l-istess eċċezzjoni, kif appena spjegat.*

*10. Kwindi l-Awtorita` appellanti m'għandhiex raġun fil-mertu tal-eċċezzjoni nnifisha, peress li l-pretensjoni tal-Awtorita` appellanti li tagħti konċessjoni lil Harbour Management Limited fuq is-sejħa oriġinali ma treġix ġaladarba dik kienet imħassra fl-2011. Għalkemm id-deċiżjoni tal-Awtorita` li titħassar l-RFP, setgħet tiġi mħassra ġudizzjarjament ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-proċeduri mnedija minn Harbour Management Limited, dawk il-proċeduri qatt ma ġew deċiżi, hekk kif dik is-soċjeta` għażlet li ċċedi l-atti tal-kawża wara li ffirmat ftehim ta' transazzjoni fit-12 ta' Novembru, 2020 u l-kawża ġiet ċeduta fis-26 ta' Novembru, 2020, (jiġifieri qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt ta' konċessjoni ġdida fit-22 ta' Frar, 2021). Għalhekk, fil-mument li ġiet ċeduta l-kawża, id-deċiżjoni oriġinali tal-Awtorita` li tħassar l-RFP saret definittiva u Harbour Management Limited ma setgħet qatt titqies li rebħet dak l-RFP hekk ikkanċellat. F'dak l-istadju, l-Awtorita` appellanti kellha toħroġ sejħa ġdida u mhux tiffirma konċessjoni ġdida fuq il-pretensjoni li din kienet kontinwazzjoni tas-sejħa oriġinali tal-2009. Isegwi li l-konċessjoni mogħtija lil Harbour Management Limited għandha titqies bħala konċessjoni ġdida li għaliha japplikaw ir-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Konċessjoni (L.S. 601.09), inkluż ir-Regolament 113, illi fuqu hija msejsa t-talba tal-appellati Cutajar.*

*…*

*12. L-istess jista' jingħad fir-rigward tat-tieni parti tal-ewwel aggravju li jitratta l-eċċezzjoni tas-soċjeta` Harbour Management Limited dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku, għalkemm il-Bord għamel referenza għal din l-eċċezzjoni fir-rassenja tal-minuti, ma daħalx fil-mertu ta' din l-eċċezjoni fil-parti dispożittiva tad-deċiżjoni. Madankollu din il-Qorti tqis din leċċezzjoni bħala tassew frivola. Il-fatt li r-Regolament 113 innifsu jipprovdi li rikors għal dikjarazzjoni ta' ineffettivita` ta' kuntratt jista' jitressaq minn "parti interessata jew offerent", kwindi jipprovdi li mhux biss min ikun tefa' l-offerta jitqies li għandu interess meħtieġ, multo magis f'dan il-każ, joħroġ ċar l-interess tal-appellati Cutajar bħala l-operaturi ta' Beach Haven li kienu proprju wieħed miż-żewġ offerenti fis-sejħa oriġinali. Kwindi huwa pjuttost ovvju l-interess li għandhom l-appellati fleżitu ta' dawn il-proċeduri, peress li f'każ ta' proċess għal sejħa ġdida għall-operat u maniġġjar tal-irmiġġi, ikunu jistgħu jipparteċipaw mill-ġdid u jkollhom ċans daqs ħaddieħor f'dik is-sejħa.*

*13. Kif kellha okkażjoni tirrileva din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2021, fil-kawża fl-ismijiet Truevo Payments Limited v. Direttur tal-Kuntratti, l-interess imsemmi fir-regolamenti tal-kuntratti pubbliċi (dak il-każ kien jitratta r-Regolament 262 tal-L.S.601.03) jista' jkun differenti minn dak l-interess ġuridiku meħtieġ fil-kawżi quddiem ilqrati tagħna, peress li f'dan il-każ, l-interess imsemmi f'din il-liġi speċjali, għandu jipprevali. Bl-istess mod, l-appellati għandhom l-interess meħtieġ li jressqu l-proċeduri idoneji ghall-finijiet tar-Regolament 113 talL.S.601.09, sabiex il-kuntratt ta' konċessjoni mogħti mill-Awtorita` appellanti jiġi dikjarat ineffettiv, u għalhekk lanqas din il-parti tal-ewwel aggravju ma timmerita li tintlaqa'.*

*14. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju tal-Awtorita` appellanti li ddeċiżjoni tal-Bord hija wkoll żbaljata fil-mertu għal żewġ raġunijiet: (i) li ddeċiżjoni tal-Bord kienet teżorbita l-kompetenza tal-istess Bord meta ddeċieda li l-iskrittura ta' transazzjoni kienet ineffettiva, kif ukoll (ii) li hekk kif il-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta' transazzjoni u obbligaw ruħhom li jiffirmaw kuntratt ta' konċessjoni f'terminu prefiss, kien ovvju li l-ordni talkanċellazzjoni tal-RFP ma kienx għadu applikabbli. Ir-Regolament 113(2) jipprovdi:*

*"(2) Parti interessata tista' titlob biss lill-Bord ta' Reviżjoni dwar ilKuntratti Pubbliċi biex tiddikjara l-ineffettività ta' kuntratt ta' konċessjoni iffirmat jekk l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tat kuntratt mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mingħajr ma dan ikun permissibbli b'konformità mad-Direttiva 2014/23/UE" (enfasi ta' din il-Qorti).*

*Huwa minnu li l-liġi tirreferi speċifikatament għall-kuntratt ta' konċessjoni u mhux kwalunkwe kuntratt. Għalkemm it-talbiet tal-applikanti Cutajar quddiem il-Bord, kienu jinkludu li l-kuntratt ta' transazzjoni jiġi wkoll dikjarat ineffettiv, madankollu ġaladarba minn dan il-ftehim ta' transazzjoni, datat 12 ta' Novembru, 2020, esebit in atti, jirriżulta li lpartijiet kienu qegħdin jiftehmu li ser jidħlu u jiffirmaw ftehim ta' konċessjoni (ara klawsola numru 1 tal-imsemmi ftehim), huwa pjuttost loġiku li apparti li jitħassar il-kuntratt ta' konċessjoni, għandu jitħassar ilftehim ta' transazzjoni, altrimenti l-komparenti fuq l-imsemmi ftehim jistgħu jibqgħu jivvantaw pretensjonijiet ta' kuntratt ta' konċessjoni naxxenti mill-imsemmi ftehim ta' transazzjoni. Dan l-Awtorita` appellanti tafu sew, kif jirriżulta mill-argument magħmul minnha taħt it-tieni parti tattielet aggravju tagħha, li*

*l-partijiet obbligaw ruħhom li jiffirmaw kuntratt ta' konċessjoni fi żmien stabbilit.*

*15. Kuntrarjament għal dak li jingħad mill-Awtorita` appellanti, fit-tieni parti tat-tielet aggravju tagħha, li hekk kif il-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta' transazzjoni u obbligaw ruħhom li jiffirmaw kuntratt ta' konċessjoni f'terminu prefiss, kien ovvju li l-ordni tal-kanċellazzjoni tal-RFP ma kienx għadu applikabbli, kif spjegat qabel, lil hinn mill-ftehim ta' transazzjoni, hekk kif Harbour Management Limited ċediet il-kawża quddiem il-Qorti, ġiet fis-seħħ l-ordni ta' kanċellazzjoni tal-RFP da parti tal-Awtorita`, peress li sa dak l-istadju, ma kien hemm xejn li jreġġa' lura tali ordni ta' kanċellazzjoni. Kif ġustament osservat mill-Bord, il-ftehim ta' transazzjoni fih innifsu, għalkemm jagħmel referenza għall-ordni tal-kanċellazzjoni, ma jħassarhiex, kwindi dik l-ordni laħqet ġiet fis-seħħ definittivament qabel ma sar il-kuntratt ġdid ta' konċessjoni. Il-kuntratt ta' konċessjoni sussegwentement iffirmat bejn l-Awtorita` u Harbour Management Limited ma setax isir bħala estensjoni tal-RFP oriġinali, peress li dak lRFP kien laħaq ġie kkanċellat u għalhekk l-argument tal-Awtorita` appellanti li hekk kif ġie ffirmat il-kuntratt ta' konċessjoni, l-ordni talkanċellazzjoni tal-RFP ma baqgħetx applikabbli, ma jreġix. Hekk ukolI, isegwi li l-Awtorita` appellanti ma kellhiex dritt tidħol f'kuntratt ta' konċessjoni ġdid mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, kif jipprovdi r-Regolament 113 ċitat mill-appellati u l-appellanti ma ressqet ebda spjegazzjoni valida ta' kif dan setgħet tagħmlu b'konformita` mad-Direttiva 2014/23/UE. Kwindi din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Bord li ddikjarat kemm il-ftehim ta' transazzjoni tat-12 ta' Novembru, 2020, kif ukoll il-kuntratt ta' konċessjoni datat 22 ta' Frar, 2021,*

*ineffettivi skont dak li jipprovdi r-Regolament 113(2) tar-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Konċessjoni.*

Il-Qorti ddisponiet mill-appell tal-Awtorità intimata billi ċaħditu u kkonfermat id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi tat-8 ta' Lulju 2021.

Fis-sentenza tagħha tas-27 t'Ottubru 2021 fl-atti tal-appel li sar mis-soċjetà intimata mis-sentenza tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*10. Argument ieħor imressaq mis-soċjeta` appellanti taħt l-ewwel aggravju tagħha huwa dwar jekk il-ftehim ta' transazzjoni jagħmilx referenza għar-revoka tal-kanċellazzjoni tal-RFP, mentri ssostni l-ispirtu tal-ftehim huwa ċar fis-sens li l-partijiet jitransiġu l-kwistjoni li kienet ilha pendenti bejniethom li minnu nnifsu jimplika li l-proċess kien inbeda sabiex tiġi kkanċellata l-RFP jiġi mwaqqaf u rtirat, minkejja li dan ma jingħadx espressament. Madankollu s-soċjeta` appellanti ssostni li lftehim ta' konċessjoni jmur lil hinn minn hekk u tislet silta minnu. Kif ukoll tisħaq li hija ma kienet qatt ser iċċedi l-kawża, (1129/2011) li kienet waslet għas-sentenza, li kieku ma kellhiex l-assigurazzjoni li l-Awtorita` ser twaqqa' kull proċedura li kienet inbdiet sabiex tikkanċella l-RFP. Kwindi tisħaq li l-Bord kien żbaljat meta ngħad minnu li l-kanċellazzjoni tal-RFP ġiet fis-seħħ meta ġiet ċeduta l-kawża. Hija ssostni li permezz tal-ftehim ta' transazzjoni ġiet sospiża kull proċedura għallkanċellazzjoni, mentri l-istess proċedura ġiet imwaqqfa sabiex daħal fisseħħ il-ftehim ta' konċessjoni, kif maħsub fil-ftehim ta' transazzjoni.*

*11. Tajjeb li jiġi mfakkar li l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta ddeċidiet tikkanċella l-RFP f'Mejju tas-sena 2011, skont il-klawsoli 22 u 27.1 tal-RFP li kienet tipprovdi għal ċirkostanzi speċifiki fejn il-proċedura tal-RFP setgħet tiġi kkanċellata, iżda l-istess*

*dokument ma kienx jaħseb għassospensjoni jew it-tħassir tal-ordni tal-kanċellazzjoni. Kwindi d-deċiżjoni tal-Awtorita` li tikkanċella l-proċedura tal-RFP setgħet tiġi sospiża biss permezz ta' proċeduri legali, kif fil-fatt kienet qegħda tittanta li tagħmel is-soċjeta` appellanti. Iżda l-konsegwenza tal-fatt li l-kawża ġiet ċeduta mis-soċjeta` appellanti, hija li d-deċiżjoni ta' tħassir tal-RFP saret waħda finali. Il-partijiet ma jistgħux jiddeċiedu li jiftehmu li jreġġgħu lura dik lordni, altrimenti jistgħu jsiru diversi arranġamenti oħra li jbiddlu lparametri tas-sejħa oriġinali, li jċaqalqu l-goalposts mwaqqfa oriġinarjament bis-sejħa inizjali. Dan ma jikkostitwix level playing field lejn l-offerenti l-oħra li jkunu ġew imwarrba fil-proċedura tas-sejħa oriġinali. Dan il-każ jitratta sejħa pubblika għall-proposti mnedija minn Awtorita` statali sabiex jingħata kuntratt ta' konċessjoni, kwindi suġġett għal diversi regolamenti u mhux kuntratt privat li jista' jiġi mibdul millpartijiet. Apparti dan, il-ftehim ta' konċessjoni ffirmat mill-Awtorita` u ssoċjeta` appellanti ma jirriżultax mill-atti, u għalhekk kull referenza għalih hija superfluwa, (quod non est in actis non est in mundo). Din il-Qorti tqis li r-raġunament tal-Bord huwa wieħed korrett u għalhekk l-ewwel aggravju tas-soċjeta` appellanti ma jreġix.*

*…*

*14. Skont it-tielet aggravju tas-soċjeta` appellanti jingħad li l-Bord aġixxa ultra vires l-poteri mogħtija lilu mil-liġi. Dan jingħad minnha filkuntest ta' żewġ punti: (a) Ir-Regolament 113 tar-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Konċessjoni hux applikabbli kwantu għad-definizzjoni u (b) IrRegolament 113 tar-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Konċessjoni hux applikabbli fid-dawl tar-Regolament 4 tal-L.S. 601.09. Fl-ewwel każ jingħad li kien meħtieġ li l-applikant jipprova li l-Awtorita` kontraenti tat konċessjoni pubblika bi ksur tar-regolamenti*

*statutorji, li ma trattatx lillkompetituri b'mod ugwali, m'aġixxietx b'mod trasparenti u ma tatx opportunità ndaqs lill-kompetituri kollha. L-appellanti ssostni li l-applikant qiegħed jattakka l-ftehim milħuq bejn l-Awtorita` u s-soċjeta` appellanti wara transazzjoni ta' kawża, iżda tikkontendi li l-PCRB ma kellu l-ebda poter li jissindika tali ftehim, peress li dik il-kompetenza tispetta lill-Qrati u għalhekk jingħad li l-PCRB aġixxa ultra vires. Fit-tieni każ, jingħad li lBord aġixxa ultra vires peress li skont l-eċċezzjoni preliminari talAwtorita`, li l-Bord naqas ukoll milli jikkonsidra, ir-Regolament 4 tal-L.S. 601.09 jipprovdi li dawk il-proċeduri ta' konċessjoni mibdija qabel ilpublikazzjoni tal-istess regolamenti, għandhom jibqgħu regolati bil-liġijiet li kienu fis-seħħ qabel id-dħul ta' dawk ir-regolamenti. Kwindi ssostni li l- Bord żbalja meta ddeċieda li ladarba l-RFP ġiet ikkanċellata, l-iffirmar talkuntratt ta' konċessjoni tqies bħala kuntratt ġdid.*

*15. Għandu jingħad li l-ewwel parti tal-aggravju tas-soċjeta` appellanti mhux daqstant ċar, in kwantu hekk kif l-RFP ġie dikjarat bħala kanċellat, kellha ssir sejħa ġdida skont ir-regolamenti viġenti dak iż-żmien meta lkawża ġiet ċeduta. L-Awtorita` ma kellha l-ebda jedd li treġġa' lura dik lordni ta' kanċellazzjoni, peress li kif ingħad qabel, dan ma kienx maħsub fl-RFP oriġinali. Ċertament l-Awtorita` ma ttrattatx lill-offerenti bl-istess mod. Bir-raġunament tas-soċjeta` appellanti, li l-Awtorita` kellha jedd li terġa' lura mill-ordni ta' kanċellazzjoni, bl-istess mod u bl-istess raġunament, l-Awtorita` setgħet treġġa' lura d-deċiżjoni tagħha milli twarrab l-offertà tal-applikanti Cutajar. Dan l-aġir żgur li ma jistax jissejjaħ trasparenti u ma jistax jissejjaħ mod ieħor ħlief arbitrarju u li jista' jagħti lok għall-abbuż, li mhuwiex xieraq fil-qafas ta' kuntratti pubbliċi. Kull ma kien meħtieġ mill-applikanti Cutajar, kien li jippruvaw li tabilħaqq lAwtorita` kontraenti daħlet f'kuntratt ta' konċessjoni (s-soċjeta` appellanti u l-*

*Awtorita` kontraenti jikkonċedu li sar kuntratt ta' konċessjoni) mingħajr ma segwiet il-provvedimenti tal-liġi applikabbli, meta l-istess Awtorita` kienet ħarġet ordni ta' kanċellazzjoni tas-sejħa oriġinali, liema ordni ta' kanċellazzjoni lanqas jirriżulta li kien ġie komunikat lill-applikanti, kif tipprovdi l-klawsola 22 tal-istess RFP. Isegwi li ċertament ma jistax jingħad li l-Awtorita` kontraenti mxiet skont il-klawsoli li kienu jirregolaw dik is-sejħa.*

*16. Huwa ritenut li l-applikanti Cutajar kellhom bilfors jattakkaw kemm il-ftehim ta' transazzjoni, kif ukoll il-kuntratt ta' konċessjoni. Ir-Regolament 113(2) jipprovdi li:*

*"(2) Parti interessata tista' titlob biss lill-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi biex tiddikjara l-ineffettività ta' kuntratt ta' konċessjoni iffirmat jekk l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tat kuntratt mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt fil-Ġurnal Uffiċjali talUnjoni Ewropea mingħajr ma dan ikun permissibbli b'konformità mad-Direttiva 2014/23/UE" (enfasi ta' din il-Qorti).*

*Huwa minnu li l-liġi tipprovdi għal dikjarazzjoni ta' ineffettivita` speċifikatament fir-rigward ta' kuntratt ta' konċessjoni u mhux kwalunkwe kuntratt. Madankollu, ġaladarba mill-ftehim ta' transazzjoni, datat 12 ta' Novembru, 2020, esebit in atti, jirriżulta li l-partijiet kienu qegħdin jiftehmu li ser jidħlu u jiffirmaw ftehim ta' konċessjoni (ara klawsola numru 1 talimsemmi ftehim), huwa pjuttost loġiku li apparti li jitħassar il-kuntratt ta' konċessjoni, għandu jitħassar il-ftehim ta' transazzjoni, altrimenti lkomparenti fuq l-imsemmi ftehim jistgħu jibqgħu jivvantaw pretensjonijiet ta' kuntratt ta' konċessjoni naxxenti mill-imsemmi ftehim ta' transazzjoni. Inoltre, apparti li l-Bord iddeċieda skont kif mitlub mill-applikant, u ma marx lil hinn minn dak mitlub,*

*fil-verita` it-tħassir tal-kuntratt ta' transazzjoni huwa riżultat ta' ex necessaria consequentia għat-talba ta' tħassir tal-kuntratt ta' konċessjoni, inkella jista' jagħti lok għal problemi oħra kif appena spjegat. Għalhekk ma jitqiesx li l-Bord aġixxa ultra vires.*

*17. Sa fejn jingħad mis-soċjeta` appellanti li d-deċiżjoni tal-Bord hija ultra vires in kwantu l-Bord naqas ukoll milli jikkonsidra, ir-Regolament 4 tal-L.S. 601.09, minn qari tas-sentenza l-Bord għamel referenza speċifika għal din l-eċċezzjoni preliminari u minkejja li ma ngħad xejn dwarha fiddecide tad-deċiżjoni appellata, il-Bord effettivament indirizza u ddeċieda din l-eċċezzjoni kif ser jiġi issa spjegat. Ir-Regolament 4 tal-L.S 601.09, li jipprovdi:*

*"4. Kull proċedura ta' konċessjoni li tkun inħarġet salpubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti għandha tibqa' regolata bil-liġijiet li kienu fis-seħħ, inkluż kull reviżjoni fuq xi deċiżjoni dwar dan."*

*Jiġi nnutat li wara li l-Bord għamel rassenja tal-fatti, qies li ġaladarba ddeċiżjoni tal-Awtorita` li tikkanċella l-RFP fl-2011, qatt ma ġiet revokata, il-kanċellazzjoni tal-RFP baqgħet fis-seħħ, kwindi għalkemm dik ilkanċellazzjoni baqgħet sospiża tul is-smiegħ tal-kawża ntavolata quddiem il-Qorti minn Harbour Management Limited, hekk kif ġiet ċeduta l-kawża, l-ordni tat-tħassir jew kanċellazzjoni tal-RFP li saret fl-2011, reġgħet ġiet fis-seħħ. Isegwi li ma kienx possibbli li jsir ftehim bbażat fuq l-RFP oriġinali tas-sena 2009. Il-konsegwenza loġika għal dan irraġunament huwa li, ir-Regolament 4 m'huwiex applikabbli fil-każ in ezami, peress li kwalunkwe ftehim li sar bejn l-Awtorita` u Harbour Management Limited fi Frar tas-sena 2021, ma kienx konsegwenza talRFP maħruġ fl-2009, iżda konċessjoni ġdida li għaliha japplikaw irregolamenti tal-L.S. 601.09. Għalhekk għalkemm il-Bord ma*

*ċaħadx espressament l-eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita`, effettivament iddeċieda l-istess eċċezzjoni, kif appena spjegat.*

*18. Kwindi s-soċjeta` appellanti m'għandhiex raġun, peress li lpretensjoni tal-komparenti fuq il-kuntratt ta' konċessjoni li dan sar bħala ftehim naxxenti mis-sejħa oriġinali ma treġix, ġaladarba dik kienet imħassra fl-2011. Għalkemm id-deċiżjoni tal-Awtorita` li titħassar l-RFP, setgħet tiġi mħassra ġudizzjarjament ghall-finijiet tal-Artikolu 469A talKap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-proċeduri mnedija minn Harbour Management Limited, dawk il-proċeduri qatt ma ġew deċiżi, hekk kif dik is-soċjeta` għażlet li ċċedi l-atti tal-kawża wara li ffirmat ftehim ta' transazzjoni fit-12 ta' Novembru, 2020 u l-kawża ġiet ċeduta fis-26 ta' Novembru, 2020, (jiġifieri qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt ta' konċessjoni ġdida fit-22 ta' Frar, 2021). Għalhekk, fil-mument li ġiet ċeduta l-kawża, d-deċiżjoni oriġinali tal-Awtorita` li tħassar l-RFP saret definittiva u ssoċjeta` appellanti ma setgħet qatt titqies li rebħet dak l-RFP hekk ikkanċellat. F'dak l-istadju, l-Awtorita` appellanti kellha toħroġ sejħa ġdida u mhux tiffirma konċessjoni ġdida fuq il-pretensjoni li din kienet kontinwazzjoni tas-sejħa oriġinali tal-2009. Isegwi li l-konċessjoni mogħtija lis-soċjeta` appellanti għandha titqies bħala konċessjoni ġdida li għaliha japplikaw ir-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Konċessjoni (L.S. 601.09), inkluż ir-Regolament 113, illi fuqu hija msejsa t-talba tal-appellati Cutajar. Il-pretensjoni tal-appellanti li jibqgħu japplikaw ir-regolamenti lqodma qabel l-emendi tal-2016, għall-konċessjoni li ffirmat fl-2021 ma treġix. Għalhekk din il-Qorti taqbel perfettament mar-raġunar tal-Bord firrigward. Isegwi li t-tielet aggravju ser jiġi wkoll miċħud.*

*19. Ir-raba' aggravju tas-soċjeta` appellanti jitratta l-allegat nuqqas talBord li jitratta l-eċċezzjoni*

*sollevata dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-applikant. Jiġi osservat li għalkemm il-Bord għamel referenza għal din l-eċċezzjoni fir-rassenja tal-minuti, ma daħalx fil-mertu ta' din l-eċċezzjoni fil-parti dispożittiva tad-deċiżjoni. Madankollu din il-Qorti tqis din leċċezzjoni bħala tassew frivola. Il-fatt li r-Regolament 113 innifsu jipprovdi li rikors għal dikjarazzjoni ta' ineffettivita` ta' kuntratt jista' jitressaq minn "parti interessata jew offerent", kwindi jipprovdi li mhux biss min ikun tefa' l-offerta jitqies li għandu interess meħtieġ, multo magis f'dan il-każ, joħroġ ċar l-interess tal-appellati Cutajar bħala l-operaturi ta' Beach Haven li kienu proprju wieħed miż-żewġ offerenti fis-sejħa oriġinali. Huwa pjuttost ovvju l-interess li għandhom l-appellati fl-eżitu ta' dawn il-proċeduri, peress li f'każ ta' proċess għal sejħa ġdida għall-operat u maniġġjar tal-irmiġġi, jkunu jistgħu jipparteċipaw mill-ġdid u jkollhom ċans daqs ħaddieħor f'dik is-sejħa.*

Il-Qorti ċaħdet l-appell tas-soċjetà intimata.

Fid-dawl ta' dawn il-fatti, il-Qorti sejra tgħaddi minnufih sabiex tistħarreġ l-eċċezzjonijiet preliminari rispettivament sollevati mill-intimati.

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha s-soċjetà intimata eċċepiet illi mhijiex leġittima kontradittriċi għat-talbiet tar-rikorrenti għaliex kawża bħal ma hija dik tal-lum, imsejjsa fuq l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tista' titressaq unikament fil-konfront ta' entità governattiva.  Fl-istess sens hija t-tieni eċċezzjoni tal-Awtorità intimata li talbet in-nullità tal-azzjoni odjerna ġaladarba r-rikorrenti pproponew l-azzjoni anki fil-konfront tas-soċjetà intimata li hija soċjetà privata.

Il-Qorti hija konkordi ma dak illi qegħdin jeċċepixxu l-intimati u cioè li kawża abbażi tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 hija xorta partikolari ta' kawża li tiġi istitwita biss fil-konfront ta' entità governattiva.  Ir-rikorrenti kkonċedew illi jirrikonoxxu l-fatt li s-soċjetà intimata m'hijiex entità governattiva.  Biss però fil-fehma

tal-Qorti dan il-fattur ċertament illi m'għandux iġib in-nullità tal-azzjoni. Ir-rikorrenti pproċedew ukoll fil-konfront tas-soċjetà intimata biss kif ġie minnhom speċifikat fir-rikors promotur, iċ-ċitazzjoni in kawża tas-soċjetà intimata sar unikament għal kull interess li jista' jkollha. Ir-rikorrenti huma konxji mill-fatt illi jekk kemm il-darba t-talba tagħhom sejra tiġi akkordata, dan sejjer jeffettwa direttament lis-soċjetà intimata bħala firmatarja fuq l-atti li qegħdin jiġu attakkati permezz ta' din il-kawża. Il-Qorti tifhem għalhekk illi l-iskop tar-rikorrenti mhuwiex dak illi s-soċjetà intimata twieġeb għall-azzjoni direttament iżda li tkun f'pożizzjoni tikkawtela l-interessi kollha tagħha. Għalhekk, żgur illi ċ-ċitazzjoni in kawża tas-soċjetà intimata m'għandiex iġġib in-nullità tal-azzjoni. Mill-banda l-oħra, peress illi s-soċjetà intimata mhijiex entità governattiva u allura ma tista' qatt tinstab responsabbli vis-à-vis r-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 469A, il-Qorti sejra tilqa' l-eċċezzjoni tas-soċjetà intimata u sejra għalhekk tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjonijiet sollevati mis-soċjetà intimata.

Riferibbilment għar-raba' talba tal-Awtorità intimata, il-mertu ta' din l-eċċezzjoni diġà ġie trattat sia mill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi kif ukoll mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha għaliex din l-eċċezzjoni kienet diġa ġiet sollevata mis-soċjetà intimata fil-kuntest ta' dawk il-proċeduri. Dwar dan il-Qorti tal-Appell iddikjarat l-eċċezzjoni bħala frivola għaliex irriteniet illi *qua* offerenti fis-sejħa oriġinali r-rikorrenti għandhom kull interess fl-eżitu ta' dawn il-proċeduri li jekk jirriżultaw favorevoli għar-rikorrenti ser iġibu fix-xejn kull ftehim milħuq bejn l-intimati u jekk eventwalment tinħareġ sejħa pubblika oħra, ir-rikorrenti jkunu jistgħu jipparteċipaw mill-ġdid. Din il-Qorti taqbel ma' din il-fehma tal-Qorti tal-Appell, u konsegwentement tiċħad l-eċċezzjoni.

Fid-dawl tas-sentenza tal-Bord kif sussegwentement ikkonfermata fl-appell, ftit jifdal x'jingħad dwar il-mertu tal-vertenza odjerna. Biss, għall-fini ta' kompletezza, l-Qorti sejra tagħmel xi riflessjonijiet għar-rigward.

L-Awtorità intimata qegħda tibbaża l-kwistjoni kollha fuq il-fatt li fil-fehma tagħha l-*Compromise Agreement* u l-*Concession Agreement* ma jammontawx għal għemil amministrattiv skont id-definizzjoni kif mogħtija ai termini tat-tieni sub-inċiż tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Tgħid u tisħaq illi l-iffimar tal-*Compromise Agreement* u l-eventwali *Concession Agreement* huma biss ir-riżultat ta' transazzjoni tal-kawża li kien hemm bejn l-intimati.

Ai termini tal-Artikolu 469A (2) tal-Kap. 12:

> *"egħmil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant,deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna lijsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità:*

Fil-każ tal-lum it-talbiet tar-rikorrenti huma msejjsa fuq ksur tal-Artikolu 469A (1)(b)(ii) u/jew (iii) u/jew (iv) tal-Kap. 12. Il-parti tad-dispożizzjoni li hija rilevanti għall-każ ta' llum taqra hekk:

> *469A. (1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biexjistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjarawdak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:*
>
> …
>
> *(b) meta l-egħmil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:*
>
> …
>
> *(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew*

*(iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*

*(iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi*

Huwa evidenti fil-każ tal-lum illi l-aġir lamentat jinkwadra fil-parametri tal-Artikolu 469A(1)(b)(iv). Il-Qorti tqis illi kull referenza għall-paragrafi (ii) u (iii) tad-disposizzjoni ċitata huma għal kollox irrelevanti għall-każ tal-lum billi la tirrigwarda dwar nuqqas ta' ħarsien tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew ta' dawk proċedurali u lanqas tirrigwarda dwar għemil amministrattiv kuntrarju għal għanijiet xierqa jew imsejjes fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti.

L-ilment tar-rikorrenti huwa fis-sens illi la darba l-Awtorità intimata pproċediet billi kkanċellat is-sejħa pubblika, ma setgħetx żmien wara tersaq għall-ftehim mas-soċjetà intimata.

Mill-inkartament proċesswali jirriżulta li fil-mument li nqala' xi diżgwid bejn l-intimati u s-soċjetà intimata pproċediet legalment fil-konfront tal-Awtorità intimata, din tal-aħħar ddeċidiet li tikkanċella s-sejħa pubblika. In vista tal-kawża mibdija mis-soċjetà intimata fil-konfront tal-Awtorità, l-Awtorità ħalliet il-kanċellazzjoni fis-seħħ tul is-smiegħ ta' dik il-kawża. Sa hawn kollox mexa fil-parametri tal-liġi anki għaliex kull kwistjoni li kien hemm bejn il-partijiet konċernati relattivament għas-sejħa pubblika in kwistjoni kienet rimessa għad-deċiżjoni tal-Qorti u allura tabilħaqq illi l-ftehim finali bejn il-parijiet ma setax iseħħ. Biss, kif osserva l-Bord u kif ikkonfermat il-Qorti tal-Appell, l-Awtorità intimata aġixxiet *ultra vires* il-poteri tagħha fil-mument li ttransiġiet il-kawża u daħlet għall-ftehim mas-soċjetà intimata. L-Awtorità kienet tkun korretta fl-għemil tagħha li kieku żammet il-kanċellazzjoni fis-seħħ pendenti l-eżitu tal-kawża u waqfet hemm. Biss, fil-mument li l-kawża ġiet ċeduta dik l-ordni ta' kanċellament reġgħet daħlet fis-seħħ minnufih. La darba l-ordni ta' kanċellament reġgħet ġiet riattivata dan kien ifisser li dik is-sejħa pubblika ma mxietx il-quddiem u li allura l-effetti kollha

tagħha ġew terminati. Hawnhekk l-Awtorità kellha toħroġ sejħa pubblika mill-ġdid biex hekk tpoġġi lil kull offerent *on the same level playing field*. Biss, meta daħlet għall-ftehim mas-soċjetà intimata, l-Awtorità kienet qisha qegħda taqbeż il-proċess tat-*tendering* u takkorda l-proġett direttament lil min riedet hi. Huwa propju dan l-aġir arbitrarju li jikkostitwixxi aġir *ultra vires* il-poteri tal-Awtorità u jagħmel tali aġir soġġett għall-iskrutinju u stħarriġ maħsub ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12.

Għaldaqstant, la darba l-għemil amministrattiv li wassal għall-iffirmar tal-*Compromise Agreement* u tal-*Concession Agreement* sar bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(b)(iv) tal-Kap. 12 isegwi illi dawn l-atti huma kif ġa ritenut mill-Bord, ineffettivi u għandhom għalhekk jiġu mħassra.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà intimata Harbour Management Limited u għalhekk tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjonijiet ta' Harbour Management Limited;

3. Tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta billi din ġiet irtirata;

4. Tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta;

5. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-egħmil amministrattiv li wassal għall-iffirmar tal-*Compromise Agreement* u tal-*Concession Agreement* sar bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(b)(iv) tal-Kap. 12;

6. Tilqa' wkoll it-tieni talba u tħassar kemm il-*Compromise Agreement* u kif ukoll il-*Concession Agreement* iffirmati bejn l-intimati;

7. Tordna illi l-ispejjeż ta’ din il-kawża kif ukoll dawk tal-mandat t’inibizzjoni numru 406/2021/1RGM jitħallsu in kwantu għal-ħamsa minn sitta (5/6) mill-Awtorità għat-Trasport f’Malta u wieħed minn sitta (1/6) mir-rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG